**Ruling mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 406 tas-17 ta' Novembru 2025 b'referenza għall-istruzzjonijiet tas-Sedja skont ir-Ruling mogħti fis-Seduta tat-13 ta' Novembru 2025 dwar stqarrija inkorretta maħruġa mill-media**

Peress li din hija l-ewwel opportunità biex is-Sedja tagħti Ruling, wara r-Ruling li tat fit-13 ta' Novembru fuq talba tal-Ministru Byron Camilleri, fejn fid-deċiżjoni tagħha s-Sedja qalet li:

> "... is-Sedja qiegħda tiddeċiedi u qiegħda tordna lill-uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista biex jemenda l-istqarrija maħruġa u jagħmel referenza għal dak li ntqal eżatt mill-Ministru Byron Camilleri waqt li kien qed jirrispondi l-mistoqsija supplimentari fis-seduta tal-Parlament tal-11 ta' Novembru 2025. Jingħad ukoll biex il-korrezzjoni ssir fl-ewwel opportunità mill-editur ta' *Net News* u jikkoreġi dik il-parti fejn jagħmel referenza u jgħid:
>
> > "Dan meta l-Ministru Camilleri lbieraħ waħħal fil-Maġistrat anke jekk bħala Ministru suppost jaf li l-indirizzi li jkunu jitwettqu rejds bħal dawn dejjem jinħarġu għal abbozzi ta' informazzjoni li jgħaddi lill-pulizija l-gvern tiegħu stess. Kif fil-fatt ikkonferma l-Kummissarju Gafà."
>
> Din is-sentenza, kif inhi miktuba, dak id-diskors, fl-ebda mument ma ntqal fil-Parlament."

Is-Sedja, wara li għaddew aktar minn 48 siegħa u ma ġiet ippreżentata l-ebda notifika skont l-iStanding Order 62 li tindika li r-Ruling għandu jiġi rivedut mill-Kamra, u anke wara li l-Clerk of the House, fuq struzzjonijiet tas-Sedja, bagħtet lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista email li tgħid hekk:

> "L-iSpeaker inkarigani ngħaddilkom Ruling mogħti minnu fis-Seduta ta' dalgħodu dwar stqarrija maħruġa mill-Partit Nazzjonalista u rappurtaġġ sussegwenti fil-media tal-Partit Nazzjonalista u għalhekk nitlobkom li tagħmlu korrezzjonijiet kif indikati fl-istess Ruling. Napprezza jekk tinfurmawni ladarba jsiru dawn il-korrezzjonijiet.",

wara li s-Sedja ħadet nota ta' dan kollu u sal-lum ma saret l-ebda korrezzjoni kif indikata fir-Ruling, is-Sedja rat il-Kap. 113, li huwa l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, u in partikolari l-artikolu 11 paragrafu (4) subparagrafu (k) li jgħid ċar li:

> "Il-pubblikazzjoni volontarja jew traskuraġni ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċediment tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha".

Wara li rat dan kollu, is-Sedja ssib *prima facie* ħatja ta' ksur ta' privileġġ lill-istess diriġenti tal-Partit Nazzjonalista, u ċjoè lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista jew min huwa inkarigat mill-ħruġ tal-istqarrijiet tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-editur preżenti tan-*Net News portal* u tibgħat dan kollu lill-Kumitat dwar il-Privileġġi ta' din il-Kamra biex jiġi deċiż mill-istess Kumitat.

Ir-ruling huwa deċiż.